# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Jannar 2021**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 928/2019 JVC**

**Saviour Mamo u**
**Felicissima Mamo**

**vs**

**Andre' Mamo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat bil-giljottina fejn ir-rikorrent Saviour Mamo et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi huma sidien tal-*garage* numru 'Chrismandre' Triq l-Ghannejja Birzebbuga;

2. Illi l-intimat qed jokkupa dan il-fond minghajr titolu validu fil-ligi;

3. Illi l-esponenti jikkontendu li l-intimat ma' ghandux difiza x'jaghti f'dawn il-proceduri u ghalhekk jikkontendu li l-Qorti ghandha tiddeciedi dan il-kaz bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-intimat kien interpellat sabiex johrog u jivvaka l-imsemmi fond bl-ittri legali tat-28 ta' Frar 2019 u tal-14 ta' Marzu 2019 u kif ukoll bl-ittra ufficjali tas-7 ta' Awissu 2019 izda huwa baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddeciedi dan il-kaz bid-dispenza tas-smiegh u dana ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-garage bl-isem ta' Chrismandre' Triq l-Ghannejja Birzebbuga minghajr titolu validu fil-Ligi;

3. Tordna lill-intimat sabiex johrog u jivvaka minn l-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez, bl-imghax u b'hekk l-intimat jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi l-intimat Andre' Mamo debitament notifikat skont il-ligi naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum ghalkemm imsejjah diversi drabi;

Rat id-dokumentazzjoni esebita llum stess;

Rat illi fil-verbal tal-lum ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tghaddi ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat illi mill-kuntratt esebit illum stess mir-rikorrenti jirrizulta li l-garaxx in kwistjoni u cioe' li jgib l-indirizz 'Chrismandre' Triq l-Ghannejja, Birzebbuga, huwa fil-fatt proprjeta' tar-rikorrenti Savoiur Mamo permezz ta' l-istess kuntratt;

Rat illi l-intimat naqas milli jikkontesta t-talbiet attrici w'ghalhekk stante li tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet atturi.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi;

1. Tilqa′ l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa′ t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat Andre′ Mamo qed jokkupa l-garage bl-isem ta′ 'Chrismandre′ Triq l-Ghannejja, Birzebbuga minghajr titolu validu fil-Ligi;

3. Tilqa′ t-tielet talba u tordna lill-intimat sabiex johrog u jivvaka mill-imsemmi fond fi zmien massimu ta′ xahar.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta′ Jannar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta′ Jannar 2021**